Roderick Busuttil

# Waħda għal kull 50 ruħ!

**Jekk terħilha lejn il-kampanja Maltija, malajr tara numru sabiħ ta' knejjes żgħar jew kappelli. Dawn issibhom mhux biss fiċ-ċentri u t-truf ta' l-irħula, fil-kampanja, imma wkoll fl-inqas postijiet li tistennihom, bħal widien, għoljiet, għerien u saħansitra f'xifer l-irdum, fejn mhux dejjem faċli tilħaqhom.**

## Kappelli jew knejjes żgħar?

Imma dawn huma kappelli jew knejjes żgħar? Interessanti ħafna d-distinzjoni bejniethom. Dr. Mario Buhagiar, studjuż ta' l-Istorja, isostni li "kappella" hija parti minn knisja ikbar, bħalma nsibu l-kappelli jew il-kappelluni fil-knejjes parrokkjali tagħna bl-artali tagħhom; kappella ma tistax tkun bini fiżikament indipendenti.

L-uniku kuntest fejn kappella setgħet tkun "knisja indipendenti" kien fiż-żminijiet medjevali meta "kappella" kienet il-parroċċa tal-lum, bħall-kappella ta' Bir Miftuħ li fis-seklu ħmistax kienet il-parroċċa li tinkorpora ħafna rħula ta' madwar. Ta' min jgħid li l-kelma "kappillan" ġejja mill-kelma "kappella" u tfisser "dak li jieħu ħsieb kappella" (jew knisja parrokkjali tal-lum).



Kappella tad-Duluri – Mqabba

## Kif bdew

Il-kult fost il-poplu Malti jmur lura ħafna snin. Il-famużi tempji Preistoriċi f'Malta jmorru lura anki 5,000 sena qabel Kristu. Aħna l-Maltin minn dejjem konna nħobbu l-knejjes!

Imbagħad, ftit aktar minn elfejn sena ilu ġie fostna San Pawl li żera' l-fidi Kristjana. Fis-seklu 13, wara li tkeċċew l-Għarab minn Malta, bdew ifeġġu dawn il-knejjes żgħar. Il-knisja ta' Santa Marija ta' Kemmuna tissemma' sa mill-1296, u tidher li kienet waħda minn tal-bidu li nbnew. L-Isqof de Mello fl-1436 semma' għaxar parroċċi tal-kampanja. Dawn kienu knejjes żgħar tal-kampanja jew "kappelli medjevali".

Is-sekli 15 u 16 raw żjieda kbira fil-bini ta' dawn il-knejjes. Fil-fatt fiż-żjara tiegħu fl-1575, Monsinjur Pietro Duzina sab mhux inqas minn 428 bejn kappelli jew parroċċi u



Kappella San Mikiel – Salina

knejjes żgħar madwar Malta u Għawdex – numru kbir ħafna meta tqis li l-popolazzjoni kienet biss ta' madwar 20,000 ruħ!

## Għaliex hawn daqshekk?

Imma għalfejn bdew jinbnew dawn il-knejjes kollha? Skond Michael Spiteri (Kilin) jidher li kien hemm tliet raġunijiet. L-ewwelnett kien hemm il-fidi nisranija li l-Maltin ta' dak iż-żmien kellhom. Ħajjithom kollha kienet iddur ma' dawn il-knejjes.

It-tieni raġuni kienet minħabba l-kundizzjoni ħażina ħafna tat-toroq ta' dak iż-żmien. Peress li n-nies kienu kważi kollha raħħala u bdiewa, kienu joqogħdu fi gruppi żgħar madwar il-kampanja, u għalhekk kulħadd ried li jkollu l-knisja tiegħu maġenbu.

It-tielet raġuni hija li dawn inbnew biex jonoraw xi wegħdiet, bħal dik ta' Santu Rokku (Valletta) li saret b'wegħda mill-Università ta' Malta, u dik ta' Sarrija (Floriana) li saret b'wegħda tal-Gran Mastru Rafel Cotoner u l-Kunsill tiegħu.

Imma raġuni oħra żgur kienet biex isir id-dfin fihom. F'xi wħud insibu oqbra ġo fihom; f'oħrajn id-dfin kien isir fiz-zuntier.

L-aktar knejjes ta' valur arkitettoniku nbnew fi żmien il-kavallieri ta' l-Ordni li afdaw il-bini ta' dawn il-knejjes f'idejn l-aqwa arkitetti, skulturi u pitturi ta' dak iż-żmien. Diversi Granmastri u kavallieri rabtu qalbhom ma' dawn il-knejjes u żejnuhom mill-aħjar li setgħu. Hawn ma nistgħux ma nsemmux lil Fra Wolfgang Philip, Balliju ta' l-Ordni u Baruni ta' Guttenburg, li kien benefattur kbir ta' ħafna knejjes f'diversi rħula Maltin.

## Devozzjonijiet u Leġġendi

Ma' xi wħud min dawn il-knejjes insibu marbuta xi leġġendi, stejjer ħelwin li missirijietna kienu jirrakkontaw lil uliedhom. Forsi mhux kollha huma veri, u ma tistax toqgħod fuqhom, imma jibqa' l-fatt li jagħmlu parti mill-folklor tagħna.

Xi wħud mix-xbihat meqjumin f'dawn il-knejjes jitqiesu wkoll bħala mirakolużi. Matul iż-żminijiet il-Maltin kienu jterrqu lejhom, anki jekk f'postijiet imbiegħda f'Malta u Għawdex, biex ifittxu l-faraġ jew xi fejqan. Dawn il-pellegrinaġġi kienu jsiru b'imħabba kbira u devozzjoni lejn Alla, il-Madonna u l-qaddisin. Xi pellegrinaġġi żviluppaw f' pellegrinaġġi Nazzjonali.

Jekk int interessat li ssir taf aktar fuq dawn il-kappelli, tista' tidħol fil-websajt www.kappellimaltin.com. L-għan ta' dan il-websajt, immexxi minn Noel Ciantar, Roderick Busuttil u Joe Brincat, hu li jqajjem interess u apprezzament għal dawn il-knejjes jew "kappelli".



Kappella San Pawl Milqi

Ritratti: Caroline Busuttil